

JC 2024 28

9 ta' Diċembru 2024

Linji gwida

dwar spjegazzjonijiet u opinjonijiet, u t-test standardizzati għall-kriptoassi, skont l-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2023/1114

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

L-istatus ta' dawn il-linji gwida

1. Dawn il-Linji Gwida jinħarġu skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 (ir-Regolamenti tal-ASE)¹. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolamenti dwar l-ASE, l-awtoritajiet kompetenti, il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-istituzzjonijiet finanzjarji jeħtiġilhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 3(1), il-punt (35)(a), tar-Regolament (UE) 2023/1114² (MiCAR) għandhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż meta l-linji gwida jkunu diretti primarjament lejn il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-istituzzjonijiet finanzjarji.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. Fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn il-linji gwida fuq is-siti web tal-ASE bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, skont l-Artikolu 16(3) ta' kull wieħed mir-Regolamenti li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1 ta' dawn il-Linji Gwida, l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-EBA, lill-EIOPA jew lill-ESMA, skont il-każ, dwar jekk jikkonformawx jew jekk għandhomx l-intenzjoni li jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din id-data ta' skadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-ASE bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-siti web ta' kull waħda mill-ASE bir-referenza "EBA/GL/2024/16". In-notifiki għandhom jintbagħtu minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus ta' konformità trid tiġi rrapportata wkoll lill-ASE rispettivi.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-siti web ta' kull waħda mill-ASE, f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolamenti dwar l-ASE.

¹ EBA – Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

EIOPA – Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

ESMA – Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

² Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40).

5. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji ma humiex meħtieġa jirrapportaw jekk jikkonformawx ma' dawn il-linji gwida.

2. Suġġett, ambitu u definizzjonijiet

Suġġett

6. F'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2023/1114, dawn il-Linji Gwida konġunti jistabbilixxu:
- il-kontenut u l-forma tal-ispejgazzjoni u l-opinjoni legali msemmija fl-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 17(1), il-punt (b)(ii), u l-Artikolu 18(2), il-punt (e), rispettivament, ta' dak ir-Regolament;
 - approċċ komuni għall-klassifikazzjoni regolatorja tal-kriptoassi skont dak ir-Regolament.

Il-kamp ta' applikazzjoni u d-destinatarji

7. Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti, kif iddefiniti fl-Artikolu 3(1), il-punt (35)(a), tar-Regolament (UE) 2023/1114.
8. Dawn il-Linji Gwida japplikaw ukoll³ għal:
- offerenti, persuni li jkunu qed ifittxu ammissjoni għan-negozjar, jew operaturi ta' pjattaformi ta' negozjar għal kriptoassi minbarra token irreferenzjat ma' assi (ART) jew token tal-flus elettroniċi (EMT), li huma meħtieġa jinnotifikaw il-white paper dwar il-kriptoassi lill-awtorità kompetenti, flimkien ma' spejgazzjoni li tiddekrivi għaliex il-kriptoassi ma għandhomx jitqiesu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, jew ikklassifikati bħala ART jew EMT skont l-Artikolu 8(4) ta' dak ir-Regolament;
 - istituzzjonijiet ta' kreditu li beħsiebhom joffru lill-pubbliku jew ifittxu ammissjoni għan-negozjar ta' ART li huma meħtieġa jipprovdu lill-awtorità kompetenti opinjoni legali dwar il-kwalifika tal-kriptoassi skont l-Artikolu 17(1), il-punt (b)(ii), tar-Regolament (UE) 2023/1114;
 - persuni ġuridiċi jew impriżi oħra li ma humiex istituzzjonijiet ta' kreditu li beħsiebhom joffru lill-pubbliku jew ifittxu ammissjoni għan-negozjar ta' ART li huma meħtieġa jipprovdu lill-awtorità kompetenti opinjoni legali dwar il-kwalifika tal-kriptoassi skont l-Artikolu 18(2), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2023/1114.

³ Id-data tal-applikazzjoni għall-MiCAR hija stabbilita bl-Artikolu 149 tal-MiCAR (dħul fis-seħħ u applikazzjoni) li għandu jinqara f'konformità mal-Artikolu 143 (miżuri tranżizzjonali).

9. Dawn il-Linji Gwida japplikaw ukoll għal persuni li beħsiebhom iwettqu, jew li jwettqu, servizzi ta' kryptoassi meta jivvalutaw jekk l-attivitajiet fil-mandat eżistenti jew maħsub tagħhom jinvolvu kryptoassi fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

Definizzjonijiet

10. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u ddefiniti fir-Regolament (UE) 2023/1114 għandhom l-istess tifsira f'dawn il-Linji Gwida.

3. Implimentazzjoni

Data ta' applikazzjoni

11. Dawn il-Linji Gwida japplikaw minn 12.05.2025.

4. Mudelli u testijiet standardizzati

Mudell għall-finijiet tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2023/1114

12. L-offerenti, il-persuni li jkunu qed ifittxu ammissjoni għan-negozjar u l-operaturi ta' pjattaformi ta' negozjar għall-kriptoassi minbarra l-ARTs u l-EMTs (persuni rilevanti) għandhom jużaw il-mudell imsemmi fl-Anness A biex jipprovdu l-isjegazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2023/1114.
13. L-oqsma kollha stabbiliti fil-mudell għandhom jimtlew bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi pprovduta spjegazzjoni ċara, ġusta, mhux qarrieqa u sħiħa tal-klassifikazzjoni tal-kriptoassi. Għandha ssir referenza għall-informazzjoni li ġejja dwar l-isjegazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-kriptoassi:
 - a. is-sors tad-definizzjonijiet meqjusa għal kull prodott regolatorju msemmi fil-mudell, inkluż il-liġi applikabbli tal-UE u dik nazzjonali;
 - b. l-informazzjoni rilevanti kollha li ġejja:
 - i. il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-qrati nazzjonali;
 - ii. il-miżuri regolatorji, inklużi regoli u gwida, fl-Istat Membru kkonċernat;
 - iii. il-gwida interpretattiva mill-Kummissjoni Ewropea u l-Linji Gwida mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej;
 - iv. il-gwida interpretattiva mill-awtoritajiet kompetenti jew kwalunkwe sors ieħor rilevanti għall-interpretazzjoni ta' kunċetti regolatorji.

Mudell għall-finijiet tal-Artikolu 17(1), il-punt (b)(ii), u l-Artikolu 18(2), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2023/1114

14. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-persuni ġuridiċi u impriżi oħra li beħsiebhom joffru lill-pubbliku jew ifittxu ammissjoni għan-negozjar ta' ART għandhom jużaw il-mudell imsemmi fl-Anness B għall-finijiet tal-opinjoni legali dwar il-kwalifika tal-kriptoassi msemmija fl-Artikolu 17(1), il-punt (b)(ii), u l-Artikolu 18(2), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 2023/1114.
15. L-oqsma kollha stabbiliti fil-mudell għandhom jimtlew bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi pprovduta spjegazzjoni ċara, ġusta, mhux qarrieqa u sħiħa tal-klassifikazzjoni tal-kriptoassi. Għandha ssir referenza għall-informazzjoni li ġejja dwar l-isjegazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-kriptoassi:

- a. is-sors tad-definizzjonijiet meqjusa għal kull prodott regolatorju msemmi fil-mudell, inkluż il-liġi applikabbli tal-UE u dik nazzjonali;
 - b. l-informazzjoni rilevanti kollha li ġejja:
 - i. il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-qrati nazzjonali;
 - ii. il-miżuri regolatorji, inklużi regoli u gwida, fl-Istat Membru kkonċernat;
 - iii. il-gwida interpretattiva mill-Kummissjoni Ewropea u l-Linji Gwida mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej;
 - iv. il-gwida interpretattiva mill-awtoritajiet kompetenti jew kwalunkwe sors ieħor rilevanti għall-interpretazzjoni ta' kunċetti regolatorji.
16. Il-mudell għandu jimtela minn konsulent legali intern jew estern. Il-konsulent legali għandu jkun jista' joħroġ l-opinjoni b'mod oġġettiv, mingħajr kunflitti ta' interess li ma jistgħux jiġu ġestiti b'mod effettiv. Għandha tiġi pprovduta evidenza tal-kapaċità tal-konsulent legali, bħala kwistjoni ta' prattika professjonali, sabiex joħroġ opinjoni legali. Din tista' tinkludi, kif applikabbli, diploma, ċertifikat ta' prattika, reġistrazzjoni mal-korp professjonali rilevanti fl-Istat Membru kkonċernat.

Test standardizzat għall-klassifikazzjoni tal-kriptoassi

17. L-awtoritajiet kompetenti u persuni oħra li dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lilhom għandhom japplikaw approċċ komuni biex jiddeterminaw il-klassifikazzjoni ta' kriptoassi fuq bażi ta' każ b'każ filwaqt li jitqiesu l-attributi kollha tat-token inkwistjoni f'konformità mad-dijagramma sekwenzjali pprovduta fl-Anness C.
18. L-awtoritajiet kompetenti u persuni oħra li dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lilhom għandhom jiddeterminaw jekk hemmx rappreżentazzjoni diġitali ta' valur jew dritt, minħabba li dawn huma l-attributi meħtieġa ta' kriptoassi kif iddefinit fl-Artikolu 3(1), il-punt (5), tar-Regolament (UE) 2023/1114. It-termini "valur" u "dritt" għandhom jiġu interpretati b'mod wiesa' f'konformità mal-premessa (2) ta' dak ir-Regolament. Il-kriptoassi mingħajr valur intrinsiku, iżda li għandhom valur attribwit lilhom mill-bejjiegħ/mix-xerrej jew mill-parteciċipanti fis-suq⁴ għandhom jiġu ttrattati bħala rappreżentazzjonijiet diġitali ta' valur.
19. L-awtoritajiet kompetenti u persuni oħra li dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lilhom għandhom jivalutaw ukoll jekk ir-rappreżentazzjoni diġitali tal-valur u/jew id-dritt tistax tiġi ttrasferita u maħżuna elettronikament bl-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT) jew teknoloġiji simili. Token jista' jitqies bħala "mhux trasferibbli" biss fejn tal-anqas jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin (i) it-token jiġi aċċettat biss mill-emittent jew mill-offerent, u (ii) ma jkun hemm l-ebda possibbiltà teknika biex it-token jiġi ttrasferit minn detentur lil persuni oħra għajr l-emittent jew l-offerent (premissa (17) tar-Regolament (UE) 2023/1114). Sabiex jiġi vvalutat jekk teknoloġija

⁴ Pereżempju tokens bħal Bitcoin u l-hekk imsejġha "meme coins" innegożjati fi skambji ma' preżżijiet pubbliċi.

hijjex simili għad-DLT għandhom jiġu kkunsidrati l-attributi funzjonali ta' din it-teknoloġija, inkluż il-bażi li fuqha jinżammu u jiġu kondiviżi r-rekords (ir-reġistru) u kif jinkiseb kunsens (jiġifieri l-funzjonament ta' kwalunkwe mekkaniżmu ta' kunsens).

20. Jekk iż-żewġ elementi (rappreżentazzjoni diġitali ta' valur u/jew dritt, u ttrasferiti u maħżuna elettronikament bl-użu tad-DLT jew ta' teknoloġija simili) jiġu ssodisfati, l-awtoritajiet kompetenti u l-persuni l-oħra li dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lilhom għandhom jikkunsidraw li t-token huwa kompatibbli ma' kryptoassi għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2023/1114.

21. Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kriptoassi jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1114, l-awtoritajiet kompetenti u persuni oħra li dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lilhom għandhom jivvalutaw l-esklużjonijiet kollha identifikati fl-Artikolu 2, il-punti (2) sa (4), tar-Regolament (UE) 2023/1114:

- a. L-Artikolu 2(2): L-emittent jew l-offerent huwa persuna msemmija f'dak il-paragrafu? Il-MiCAR ma japplikax għal persuni li jipprovdu servizzi ta' kryptoassi esklużivament għall-kumpaniji prinċipali tagħhom, għas-sussidjarji tagħhom stess jew għal sussidjarji oħra tal-kumpaniji prinċipali tagħhom; likwidaturi jew amministraturi li jaġixxu matul proċedura ta' insolvenza (ħlief għall-finijiet tal-Artikolu 47 tal-MiCAR); il-BĊE, il-banek ċentrali tal-Istati Membri meta jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet monetarji, jew awtoritajiet pubbliċi oħra tal-Istati Membri; il-Bank Ewropew tal-Investment u s-sussidjarji tiegħu; il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà; organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.
- b. L-Artikolu 2(3): il-kriptoassi huwa uniku u mhux funġibbli ma' kryptoassi oħra?⁵ Fil-valutazzjoni ta' jekk il-kriptoassi huwiex uniku u mhux funġibbli, l-awtoritajiet kompetenti u persuni oħra li dawn il-Linji Gwida japplikaw għalihom għandhom iqisu l-Artikolu 2(3) u l-premessa (11) tar-Regolament (UE) 2023/1114 kif ukoll il-Linji Gwida dwar il-kundizzjonijiet u l-kriterji għall-kwalifika tal-kriptoassi bħala strumenti finanzjarji.⁶
- c. L-Artikolu 2(4): il-kriptoassi jikkwalifika bħala prodott rilevanti elenkat f'dak il-paragrafu? Ir-Regolament (UE) 2023/1114 ma japplikax għal strumenti finanzjarji, depożiti, depożiti strutturati, fondi (ħlief tokens tal-flus elettroniċi), pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni (skont ir-Regolament (UE) 2017/2402⁷), prodotti tal-assigurazzjoni u kuntratti ta' riassigurazzjoni (skont id-Direttiva 2009/138/KE), prodotti tal-pensjoni li primarjament jipprovdu introjtu għall-irtirar, skemi ta' pensjoni okkupazzjonali rikonoxxuti uffiċjalment (skont id-Direttivi

⁵ Dan jista' jinkludi, pereżempju, kryptoassi mhux funġibbli li juri dritt ta' proprjetà esklużiva f'assi tanġibbli speċifiku fi proprjetà immobbli (bħal dar jew proprjetà kummerċjali), jew assi intanġibbli bħal privattiva.

⁶ Għandu jiżdied link ladarba l-Linji Gwida tal-ESMA jkunu finali (għad-dokument ta' konsultazzjoni, ara ESMA75–453128700–52).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jstabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li johlq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 ([ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35](#)).

(UE) 2016/2341⁸ u 2009/138/KE⁹), prodotti tal-pensjoni individwali b'mandat mill-impjegatur, Prodotti tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropej (skont ir-Regolament (UE) 2019/1238¹⁰) u skemi tas-sigurtà soċjali (skont ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004¹¹ u (KE) Nru 987/2009¹²).

22. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe materjal rilevanti ieħor, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 13 ta' dawn il-Linji Gwida għandha titqies għall-finijiet tal-valutazzjoni ta' jekk il-kriptoassi huwiex:

- a. strument finanzjarju, l-awtoritajiet kompetenti u persuni oħra li dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lilhom għandhom japplikaw il-Linji Gwida maħruġa mill-Awtorità Ewropea tat- Titoli u s-Swieq skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2023/1114;¹³
- b. depożitu, l-awtoritajiet kompetenti u persuni oħra li dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lilhom għandhom jirreferu għall-Opinjoni u r-Rapport tal-2014 tal-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Opinjoni tal-2020 dwar il-perimetru tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jipprovdu indikazzjonijiet dwar il-kunċett ta' "depożitu"¹⁴ u għar-Rapport tal-EBA tal-2024 dwar id-depożiti strutturati¹⁵;
- c. prodott tal-assigurazzjoni jew kuntratt tal-assigurazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti u persuni oħra li dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lilhom għandhom ifakkru li ma hemm l-ebda definizzjoni espliċita ta' assigurazzjoni fil-livell tal-UE, la bħala attività u lanqas kuntratt.¹⁶

23. Jekk ma tapplika l-ebda waħda mill-esklużjonijiet imsemmija fil-paragrafu 22, l-awtoritajiet kompetenti u persuni oħra li dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lilhom għandhom jivvalutaw il-karatteristiċi tal-kriptoassi biex jiddeterminaw jekk il-kriptoassi huwiex EMT, ART jew kriptoassi ieħor skont ir-Regolament (UE) 2023/1114 u għandhom iqisu dan li ġej:

⁸ Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-supervizzjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37).

⁹ Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1).

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

¹² Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

¹³ Għandu jidded link ladarba l-Linji Gwida tal-ESMA jkunu finali (għad-dokument ta' konsultazzjoni, ara ESMA75–453128700–52).

¹⁴ Opinjoni u Rapport tal-EBA tal-2014 dwar il-perimetru tal-istituzzjonijiet ta' kreditu: <https://www.eba.europa.eu/publications-and-media/press-releases/eba-publishes-opinion-perimeter-credit-institutions> u l-Opinjoni tal-EBA tal-2020: https://www.eba.europa.eu/sites/default/files/document_library/Publications/Opinions/2020/931784/EBA%20Opinion%20on%20elements%20of%20the%20definition%20of%20credit%20institution.pdf

¹⁵ Ir-rapport tal-EBA tal-2024 dwar id-depożiti strutturati: <https://www.eba.europa.eu/sites/default/files/2024-07/b807c1a8-6f1d-4c2b-b2a0-2cdcb7737282/Report%20on%20structured%20deposits.pdf>

¹⁶ [Final Report of the Commission Expert Group on European Insurance Contract Law. Il-Kummissjoni Ewropea, 2014, p 38 ff.](#)

- a. Il-kriptoassi għandu l-għan li jżomm valur stabbli billi jirreferenzja biss il-valur ta' munita uffiċjali unika? Jekk iva, dan għandu jiġi kklassifikat bħala EMT skont it-Titolu IV tar-Regolament (UE) 2023/1114.
- b. Jekk il-kriptoassi ma għandux l-għan li jżomm valur stabbli billi jirreferenzja biss il-valur ta' munita uffiċjali unika, dan għandu jżomm valur stabbli b'referenza għal valur jew dritt ieħor (jew kombinazzjoni ta' dawn), inkluża munita uffiċjali waħda jew aktar? Jekk iva, dan għandu jiġi kklassifikat bħala ART skont it-Titolu III tar-Regolament (UE) 2023/1114.
- c. Jekk il-kriptoassi ma għandux l-għan li jżomm valur stabbli billi jirreferenzja valur ieħor jew dritt ieħor (u għalhekk ma huwiex ART jew EMT) għandu jiġi kklassifikat bħala kriptoassi skont it-Titolu II tar-Regolament (UE) 2023/1114.

Anness A - Mudell

Dan il-mudell huwa pprovdut għall-finijiet tal-ispezzjoni msemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2023/1114.

MUDELL: SPJEGAZZJONI GĦALL-FINIJIET TAL-ARTIKOLU 8(4) TAR-REGOLAMENT (UE) 2023/1114

Spjegazzjoni mħejjija għall-finijiet tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2023/1114 (MiCAR) għandu jkun fiha informazzjoni għal kull wieħed mill-oqsma ta' hawn taħt.

Informazzjoni dwar l-ispjegazzjoni	Id-data li fiha tinħareġ din l-ispjegazzjoni	
	Isem tal-persuna/i (ġuridiċi jew fiżiċi) li toħroġ/joħorġu din l-ispjegazzjoni	<i>Jekk jogħġbok inkludi: l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefown.</i>
	Punt ta' kuntatt tal-persuna/i (ġuridiċi jew fiżiċi) li toħroġ/joħorġu din l-ispjegazzjoni (jekk differenti minn hawn fuq)	<i>Jekk jogħġbok inkludi: l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefown.</i>
	Konferma li din l-ispjegazzjoni qed tinħareġ għall-finijiet tal-Artikolu 8(4) tal-MiCAR	<i>Ikkonferma jekk jogħġbok.</i>
Informazzjoni dwar offerent(i), persuna/i li tkun/ikunu qed tfitx/ifitxu ammissjoni għan-negozjar, u/jew operaturi ta' pjattaformi ta' negozjar	L-isem tal-offerent(i), tal-persuna/i li tkun/ikunu qed tfitx/ifitxu ammissjoni għan-negozjar, jew tal-operatur(i) ta' pjattaformi ta' negozjar, li f'isimhom qed tinħareġ din l-ispjegazzjoni	<i>Jekk jogħġbok uża l-Anness ta' dan il-mudell għall-għoti ta' din l-informazzjoni.</i>
	White paper li għaliha tirreferi din l-ispjegazzjoni (din għandha tkun il-“verżjoni finali” tal-white paper ippreżentata għall-fini tal-Artikolu 8(1) tal-MiCAR))	<i>Jekk jogħġbok indika d-data tal-white paper innotifikata għall-finijiet tal-Artikolu 8(1) tal-MiCAR, u vvalutata għall-finijiet ta' din l-ispjegazzjoni u li għaliha tirreferi din l-ispjegazzjoni. Jekk jogħġbok ehmeż ukoll kopja tal-white paper ma' din l-ispjegazzjoni.</i>
	L-Istat(i) Membru/i li fih(om) se ssir l-offerta lill-pubbliku jew ammissjoni għan-negozjar	
Kriptoassi	Liġi applikabbli	<i>Jekk jogħġbok indika l-liġi applikabbli għall-kriptoassi kif imsemmi fil-white paper.</i>
	Sommarju eżekuttiv tal-klassifikazzjoni regolatorja tal-kriptoassi	<i>Jekk jogħġbok indika l-allegata klassifikazzjoni regolatorja u kwalunkwe punt ewlieni li tixtieq tenfasizza fis-sommarju eżekuttiv.</i>
	Spjegazzjoni dettaljata li r-rappreżentanza diġitali li magħha hija relatata l-white paper hija kriptoassi skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (5), tal-MiCAR	<i>L-ispjegazzjoni tista' tiġi pprovduta f'Anness u għandha tkopri l-aspetti kollha tad-definizzjoni ta' “kriptoassi”, inkluż il-valur jew id-dritt li jirrappreżenta, u t-teknoloġija ta' reġistru distribwit jew teknoloġija simili li fuqha l-kriptoassi jistgħu jiġu ttrasferiti jew maħżuna.</i>
	Spjegazzjoni dettaljata li l-kriptoassi li miegħu hija relatata l-white paper ma huwiex token tal-flus elettroniċi skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (7), tal-MiCAR	<i>L-ispjegazzjoni tista' tiġi pprovduta f'Anness u għandha tinkludi l-aspetti kollha li juru li l-kriptoassi ma huwiex maħsub li jkollu l-għan li jżomm valur stabbli b'referenza għal munita uffiċjali, b'kontroreferenzi sħaħ għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-white paper.</i>
Spjegazzjoni dettaljata li l-kriptoassi li miegħu hija relatata l-white paper ma huwiex token irreferenzjat ma' assi fis-sens tal-Artikolu 3(1), il-punt (6), tal-MiCAR	<i>Spjegazzjoni tista' tiġi pprovduta f'Anness u għandha tinkludi l-aspetti kollha li juru li l-kriptoassi ma huwiex maħsub li jkollu l-għan li jżomm valur stabbli b'referenza għal valur jew dritt ieħor jew kombinazzjoni ta' dawn, b'kontroreferenzi sħaħ għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-white paper.</i>	

	Spjegazzjoni dettaljata li l-kriptoassi ma huwiex xi wieħed minn dawn li ġejjin:	
	<ul style="list-style-type: none"> - Strument finanzjarju, kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), il-punt (a), tal-MiCAR. 	<p>Sors ta' definizzjoni(jiet) (liġi tal-UE u/jew nazzjonali kif applikabbli):</p> <p>Ġurisprudenza (inklużi r-referenzi tal-paragrafu, kif xieraq) li għalihom issir referenza fl-ispjegazzjoni:</p> <p>Miżuri regolatorji jew gwida li ssir referenza għalihom fl-ispjegazzjoni (inklużi l-Linji Gwida adottati skont l-Artikolu 2(5) tal-MiCAR):</p> <p>Spjegazzjoni:</p> <p><i>Nota: L-ispjegazzjoni tista' tiġi ssupplimentata f'Anness u għandha tinkludi l-aspetti kollha li juru li l-kriptoassi ma huwiex strument finanzjarju. L-ispjegazzjoni għandha tindika għaliex il-kriptoassi ma jikkorrispondu għall-ebda wieħed mit-tipi ta' strumenti finanzjarji (titolu trasferibbli, strument tas-suq monetarju eċċ.), tagħmel referenza sħiħa għal-Linji Gwida tal-ESMA skont l-Artikolu 2(5) tal-MiCAR, u kwalunkwe ġurisprudenza applikabbli, jew materjali regolatorji jew superviżorji rilevanti maħruġa mill-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' [MiFID2] fl-Istat Membru domiċiljari skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (33), tal-MiCAR.</i></p>
	<ul style="list-style-type: none"> - Depożiti, inklużi depożiti strutturati, kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), il-punt (b), tal-MiCAR 	<p>Sors ta' definizzjoni(jiet) (liġi tal-UE u/jew nazzjonali kif applikabbli):</p> <p>Ġurisprudenza (inklużi r-referenzi tal-paragrafu, kif xieraq) li għalihom issir referenza fl-ispjegazzjoni:</p> <p>Miżuri regolatorji jew gwida li ssir referenza għalihom fl-ispjegazzjoni:</p> <p>Spjegazzjoni:</p> <p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tinkludi l-aspetti kollha li juru li l-kriptoassi ma huwiex depożitu. L-ispjegazzjoni għandha tagħmel referenza sħiħa għal kwalunkwe ġurisprudenza applikabbli, jew materjali regolatorji jew superviżorji rilevanti maħruġa mill-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' [CRD/CRR] fl-Istat Membru domiċiljari skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (33), tal-MiCAR.</i></p>
	<ul style="list-style-type: none"> - Fondi kif imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-punt (c), tal-MiCAR 	<p>Sors ta' definizzjoni(jiet) (liġi tal-UE u/jew nazzjonali kif applikabbli):</p> <p>Ġurisprudenza (inklużi r-referenzi tal-paragrafu, kif xieraq) li għalihom issir referenza fl-ispjegazzjoni:</p> <p>Miżuri regolatorji jew gwida li ssir referenza għalihom fl-ispjegazzjoni:</p>

	<p>Spjegazzjoni:</p> <p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tinkludi l-aspetti kollha li juru li l-kriptoassi ma huwiex fondi. L-ispjegazzjoni għandha tagħmel referenza sħiħa għal kwalunkwe ġurisprudenza applikabbli, jew materjali regolatorji jew superviżorji rilevanti maħruġa mill-awtorità kompetenti għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fl-Istat Membru domiċiljari skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (33), tal-MiCAR.</i></p>
<p>Spjegazzjoni qasira, sakemm ma tkunx rilevanti valutazzjoni aktar dettaljata, li l-kriptoassi ma huwa l-ebda wieħed minn dawn li ġejjin:</p>	
<ul style="list-style-type: none"> - Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-punt (d), tal-MiCAR 	<p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tikkonferma li l-kriptoassi ma huwiex pożizzjoni ta' titolizzazzjoni.</i></p>
<ul style="list-style-type: none"> - Prodotti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja jew tal-ħajja jew kuntratti ta' riassigurazzjoni jew ta' retroċessjoni kif imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-punt (e), tal-MiCAR 	<p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tikkonferma li l-kriptoassi ma huwiex prodott ta' assicurazzjoni mhux tal-ħajja jew tal-ħajja.</i></p>
<ul style="list-style-type: none"> - Prodott tal-pensjoni kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), il-punt (f), tal-MiCAR 	<p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tikkonferma li l-kriptoassi ma huwiex prodott tal-pensjoni.</i></p>
<ul style="list-style-type: none"> - Skemi tal-pensjoni okkupazzjonali rikonoxxuti uffiċjalment kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), il-punt (g), tal-MiCAR 	<p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tikkonferma li l-kriptoassi ma huwiex skema tal-pensjoni okkupazzjonali.</i></p>
<ul style="list-style-type: none"> - Prodotti tal-pensjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), il-punt (h), tal-MiCAR 	<p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tikkonferma li l-kriptoassi ma huwiex prodott tal-pensjoni individwali.</i></p>
<ul style="list-style-type: none"> - Prodotti tal-Pensjoni Pan-Ewropej kif imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-punt (i), tal-MiCAR 	<p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tikkonferma li l-kriptoassi ma huwiex Prodott tal-Pensjoni Pan-Ewropew.</i></p>
<ul style="list-style-type: none"> - Skemi tas-sigurtà soċjali kif imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-punt (j), tal-MiCAR 	<p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tikkonferma li l-kriptoassi ma huwiex skema tas-sigurtà soċjali.</i></p>
<p>Informazzjoni rilevanti addizzjonali</p>	<p><i>Nota: Jekk jogħġbok agħti informazzjoni oħra ta' dan it-tip li inti tikkunsidra xierqa biex tispjega l-klassifikazzjoni regolatorja tal-kriptoassi.</i></p>

ANNEX TAL-MUDELL: INFORMAZZJONI DWAR OFFERENTI, PERSUNI LI JKUNU QED IFITTXU AMMISSJONI GĦAN-NEGOZJAR, OPERATORI TA' PJATTAFORMI TA' NEGOZJAR

L-isem tal-offerent(i), tal-persuna/i li tkun/ikunu qed tfittex/ifittxu ammissjoni għan-negozjar, jew tal-operatur(i) ta' pjattaformi ta' negozjar, li f'isimhom qed tinħareġ din l-ispjegazzjoni	Status irregolat (jekk ikun hemm) tal-offerent(i), tal-persuna/i li tkun/ikunu qed tfittex/ifittxu ammissjoni għan-negozjar, jew tal-operatur(i) (awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni għat-twettiq tal-attività/attivitàjiet tas-servizzi finanzjarji)	LEI (jekk applikabbli)	Iż-ŻEE/L-Istat Membru ta' stabbiliment, fergħa jew uffiċċju rreġstrat (kif applikabbli)	Punt ta' kuntatt
			<i>Jekk jogħġbok indika l-ġuriżdizzjoni u l-istatus (stabbiliment, fergħa, uffiċċju rreġstrat).</i>	<i>Jekk jogħġbok inkludi: l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefown.</i>

Anness B - Mudell

Dan il-mudell huwa pprovdut għall-finijiet tal-opinjoni legali msemija fl-Artikolu 17(1), il-punt (b)(ii) u l-Artikolu 18(2), il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2023/1114.

MUDELL: OPINJONI LEGALI GĦALL-FINIJIET TAL-ARTIKOLU 17(1), il-punt (b)(ii) u l-ARTIKOLU 18(2), il-punt (e), tar-REGOLAMENT (UE) 2023/1114

Opinjoni maħruġa għall-finijiet ta' dawn l-artikoli għandu jkun fiha informazzjoni għall-oqsma kollha ta' hawn taħt.

Informazzjoni dwar l-Opinjoni	Id-data li fiha din l-Opinjoni tinħareġ	
	Isem tal-persuna/i (ġuridiċi jew fiżiċi) li toħroġ/joħorġu din l-Opinjoni	<i>Jekk jogħġbok inkludi: l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefown.</i>
	Punt ta' kuntatt tal-persuna/i (ġuridiċi jew fiżiċi) li toħroġ/joħorġu din l-Opinjoni (jekk differenti minn ta' hawn fuq)	<i>Jekk jogħġbok inkludi: l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefown.</i>
	Dikjarazzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali u miżuri għall-ġestjoni effettiva ta' dawk il-kunflitti	
	Evidenza tal-kapaċità tal-persuna/i li taġixxi/jaġixxu bħala konsulent legali	<i>Jekk jogħġbok inkludi kemm jista' jkun informazzjoni, eż. lawrja, liċenzja, numru tar-reġistrazzjoni professjonali, ċertifikat għall-prattika tal-liġi eċċ.</i>
	Skop li għalih qed tinħareġ din l-Opinjoni	<i>Speċifika:</i> - <i>l-Artikolu 16(1), il-punt (b)(ii), jew</i> - <i>l-Artikolu 18(2), il-punt (e), tal-MiCAR</i>
Informazzjoni dwar persuna li beħsiebha toffri lill-pubbliku jew tfittex ammissjoni għan-negozjar	L-isem tal-istituzzjoni ta' kreditu/istituzzjoni finanzjarja/impriża oħra li beħsiebha li toffri lill-pubbliku, jew li tfittex ammissjoni għan-negozjar tal-kriptoassi li f'isimha qed tinħareġ din l-Opinjoni	
	Status regolat (awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni għat-twerttiq ta' attività/attivitajiet ta' servizzi finanzjarji)	<i>Eż. istituzzjoni ta' kreditu, istituzzjoni tal-flus elettroniċi eċċ.</i>
	LEI (jekk applikabbli)	
	Iż-ŻEE/L-Istat Membru ta' stabbiliment	
	Punt ta' kuntatt	<i>Jekk jogħġbok inkludi: l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefown.</i>
	Intenzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu/istituzzjoni finanzjarja/impriża oħra	<i>Speċifika:</i> - <i>Offerta lill-pubbliku</i> - <i>Tfittxija ta' ammissjoni għan-negozjar</i>
	White paper li għaliha tirreferi din l-Opinjoni (din għandha tkun il-“verżjoni finali” tal-white paper ippreżentata għall-fini tal-Artikolu 17(1), il-punt (b)(ii) u l-Artikolu 18(2), il-punt (e) tal-MiCAR)	<i>Jekk jogħġbok indika d-data tal-white paper ivvalutata għall-finijiet ta' din l-Opinjoni u li għaliha tirreferi din l-Opinjoni. Jekk jogħġbok ehmeż ukoll kopja tal-white paper ma' din l-Opinjoni.</i>
	L-Istat(i) Membru/i li fih(om) se ssir l-offerta lill-pubbliku jew ammissjoni għan-negozjar	
Kriptoassi	Liġi applikabbli	<i>Jekk jogħġbok indika l-liġi applikabbli għall-kriptoassi kif imsemmi fil-white paper.</i>
	Sommarju eżekuttiv tal-klassifikazzjoni regolatorja tal-kriptoassi	<i>Jekk jogħġbok indika l-allegata klassifikazzjoni regolatorja u kwalunkwe punt ewlieni li tixtieq tenfasizza fis-sommarju eżekuttiv.</i>

<p>Opinjoni, bi spjegazzjoni dettaljata, li r-rappreżentazzjoni diġitali li din l-Opinjoni hija relatata magħha hija kryptoassi skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (5), tal-MiCAR</p>	<p><i>L-ispjegazzjoni tista' tiġi pprovduta f'Anness u għandha tkopri l-aspetti kollha tad-definizzjoni ta' "kriptoassi", inkluż il-valur jew id-dritt, u t-teknoloġija ta' reġistru distribwit jew teknoloġija simili li fuqha l-kriptoassi jistgħu jiġu ttrasferiti jew maħżuna.</i></p>
<p>Deskrizzjoni dettaljata tal-valur jew tad-dritt jew tal-muniti uffiċjali li għalihom jirreferi l-kriptoassi</p>	<p><i>Id-deskrizzjoni għandha tistabbilixxi l-valur, id-dritt jew il-muniti uffiċjali li għalihom jirreferi l-kriptoassi u hija maħsuba biex ikollha l-għan li żżomm valur stabbli, b'kontroreferenzi sħaħ għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-white paper.</i></p>
<p>Opinjoni, bi spjegazzjoni dettaljata, li l-kriptoassi li miegħu hija relatata din l-Opinjoni ma huwiex token ta' flus elettroniċi skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (7), tal-MiCAR</p>	<p><i>Spjegazzjoni tista' tiġi pprovduta f'Anness tal-Opinjoni u għandha tinkludi l-aspetti kollha li juru li l-kriptoassi ma huwiex maħsub li jkollu l-għan li jżomm valur stabbli b'referenza għal munita uffiċjali unika, b'kontroreferenzi sħaħ għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-white paper.</i></p>
<p>Opinjoni, bi spjegazzjoni dettaljata, li l-kriptoassi li miegħu hija relatata din l-Opinjoni ma huwa l-ebda wieħed minn dawn li ġejjin:</p>	
<p>- Strument finanzjarju, kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), il-punt (a), tal-MiCAR.</p>	<p>Sors ta' definizzjoni(jiet) (liġi tal-UE u/jew nazzjonali kif applikabbli):</p> <p>Ġurisprudenza (inklużi r-referenzi tal-paragrafu, kif xieraq) li għalihom issir referenza fl-ispjegazzjoni:</p> <p>Miżuri regolatorji jew gwida li ssir referenza għalihom fl-ispjegazzjoni (inklużi l-Linji Gwida skont l-Artikolu 2(5) tal-MiCAR):</p> <p>Spjegazzjoni:</p> <p><i>Nota: L-ispjegazzjoni tista' tiġi ssupplimentata f'Anness u għandha tinkludi l-aspetti kollha li juru li l-kriptoassi ma huwiex strument finanzjarju. L-ispjegazzjoni għandha tindika għaliex il-kriptoassi ma jikkorrispondu għall-ebda wieħed mit-tipi ta' strumenti finanzjarji (titolu trasferibbli, strument tas-suaq monetarju eċċ.), tagħmel referenza sħiħa għal-Linji Gwida tal-ESMA skont l-Artikolu 2(5) tal-MiCAR, u kwalunkwe ġurisprudenza applikabbli, jew materjali regolatorji jew superviżorji rilevanti maħruġa mill-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' [MiFID2] fl-Istat Membru domiċiljari skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (33), tal-MiCAR.</i></p>
<p>- Depożiti, inklużi depożiti strutturati, kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), il-punt (b), tal-MiCAR</p>	<p>Sors ta' definizzjoni(jiet) (liġi tal-UE u/jew nazzjonali kif applikabbli):</p> <p>Ġurisprudenza (inklużi r-referenzi tal-paragrafu, kif xieraq) li għalihom issir referenza fl-ispjegazzjoni:</p> <p>Miżuri regolatorji jew gwida li ssir referenza għalihom fl-ispjegazzjoni:</p>


		<p>Spjegazzjoni:</p> <p><i>Nota: L-ispjegazzjoni tista' tiġi pprovduta f'Anness u għandha tinkludi l-aspetti kollha li juru li l-kriptoassi ma huwiex depożitu. L-ispjegazzjoni għandha tagħmel referenza sħiħa għal kwalunkwe ġurisprudenza applikabbli, jew materjali regolatorji jew superviżorji rilevanti maħruġa mill-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' [CRD/CRR] fl-Istat Membru domiċiljari skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (33) tal-MiCAR.</i></p>
	<ul style="list-style-type: none"> - Fondi kif imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-punt (c), tal-MiCAR 	<p>Sors ta' definizzjoni(jiet) (liġi tal-UE u/jew nazzjonali kif applikabbli):</p> <p>Ġurisprudenza (inklużi r-referenzi tal-paragrafu, kif xieraq) li għalihom issir referenza fl-ispjegazzjoni:</p> <p>Miżuri regolatorji jew gwida li ssir referenza għalihom fl-ispjegazzjoni:</p> <p>Spjegazzjoni:</p> <p><i>Nota: Tista' tingħata spjegazzjoni f'Anness u li turi li l-kriptoassi ma huwiex fondi. L-ispjegazzjoni għandha tagħmel referenza sħiħa għal kwalunkwe ġurisprudenza applikabbli, jew materjali regolatorji jew superviżorji rilevanti maħruġa mill-awtorità kompetenti għall-finijiet tal-[PSD] fl-Istat Membru domiċiljari skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (33), tal-MiCAR.</i></p>
	<p>Spjegazzjoni qasira, sakemm ma tkunx rilevanti valutazzjoni aktar dettaljata, li l-kriptoassi ma huwa l-ebda wieħed minn dawn li ġejjin:</p>	
	<ul style="list-style-type: none"> - Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-punt (d), tal-MiCAR 	<p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tikkonferma li l-kriptoassi ma huwiex pożizzjoni ta' titolizzazzjoni.</i></p>
	<ul style="list-style-type: none"> - Prodotti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja jew tal-ħajja jew kuntratti ta' riassigurazzjoni jew ta' retroċessjoni kif imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-punt (e), tal-MiCAR 	<p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tikkonferma li l-kriptoassi ma huwiex prodott ta' assicurazzjoni mhux tal-ħajja jew tal-ħajja.</i></p>
	<ul style="list-style-type: none"> - Prodotti tal-pensjoni kif imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-punt (f), tal-MiCAR 	<p><i>L-ispjegazzjoni għandha tikkonferma li l-kriptoassi ma huwiex prodott tal-pensjoni.</i></p>
	<ul style="list-style-type: none"> - Skemi tal-pensjoni okkupazzjonali rikonoxxuti uffiċjalment kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), il-punt (g), tal-MiCAR 	<p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tikkonferma li l-kriptoassi ma huwiex skema tal-pensjoni okkupazzjonali.</i></p>

	<p>- Prodotti tal-pensjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), il-punt (h), tal-MiCAR</p>	<p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tikkonferma li l-kriptoassi ma huwiex prodott tal-pensjoni individwali.</i></p>
	<p>- Prodotti tal-Pensjoni Pan-Ewropej kif imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-punt (i), tal-MiCAR</p>	<p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tikkonferma li l-kriptoassi ma huwiex Prodott tal-Pensjoni Pan-Ewropew.</i></p>
	<p>- Skemi tas-sigurtà soċjali kif imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-punt (j), tal-MiCAR</p>	<p><i>Nota: L-ispjegazzjoni għandha tikkonferma li l-kriptoassi ma huwiex skema tas-sigurtà soċjali.</i></p>
<p>Opinjoni, bi spjegazzjoni sfiha li l-kriptoassi huwa skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (6), tal-MiCAR</p>	<p>Sors ta' definizzjoni(jiet) (liġi tal-UE u/jew nazzjonali kif applikabbli):</p> <p>Ġurisprudenza (inklużi r-referenzi tal-paragrafu, kif xieraq) li għalihom issir referenza fl-ispjegazzjoni:</p> <p>Miżuri regolatorji jew gwida li ssir referenza għalihom fl-ispjegazzjoni:</p> <p>Spjegazzjoni: <i>Nota: L-ispjegazzjoni ma għandhiex tirrepeti dak li ntqal aktar 'il fuq iżda għandha tiddekrivi l-attributi tal-kriptoassi li jikkonformaw mad-definizzjoni ta' "token irreferenzjat ma' assi". L-ispjegazzjoni tista' tiġi pprovduta f'Anness ta' din l-Opinjoni u għandha tirreferi għad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tal-white paper, fost kwalunkwe materjal ieħor, li huma kkunsidrati rilevanti fl-appoġġ tal-Opinjoni fir-rigward tal-klassifikazzjoni regolatorja tal-kriptoassi.</i></p>	
<p>Informazzjoni rilevanti addizzjonali</p>	<p><i>Nota: Jekk jogħġbok agħti informazzjoni oħra ta' dan it-tip li inti tikkunsidra xierqa biex tispjega l-klassifikazzjoni regolatorja tal-kriptoassi.</i></p>	

Anness C – Dijagramma sekwenzjali

Din id-dijagramma sekwenzjali hija pprovduta għall-finijiet tat-test standardizzati imsemmi fl-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2023/1114.

.



- Strument finanzjarju kif definit fl-Artikolu 4(1)(15) tad-Direttiva 2014/65/UE (MIFID II)
- Depożitu kif definit fl-Artikolu 2(1)(3) tad-Direttiva 2014/49/UE (DGS), inklużi depożiti strutturati definiti fl-Artikolu 4(1)(43) tal-MIFID II
- Fondi kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (25), tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (PSDII) - Ħlief jekk jikkwalifikaw bħala tokens tal-flus elettroniċi
- Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-kuntest ta' titolizzazzjoni kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402 (Regolament dwar it-Titolizzazzjoni)
- Prodotti ta' assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja jew prodotti ta' assigurazzjoni ta' ħajja li jaqgħu fil-klassijiet ta' assigurazzjoni elenkati fl-Anness I u II tad-Direttiva 2009/138/KE (Solvibbiltà II)
- Kuntratti ta' riassigurazzjoni u retroċessjoni msemmija fid-Direttiva 2009/138/KE (Solvibbiltà II)
- Prodotti tal-pensjoni rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali bħala li għandhom l-għan ewlieni li jipprovdu lil-investitur b'introjtu wara li jirtira u li jaqgħu dritt għal ċerti benefiċċji.
- Skemi ta' pensjoni okkupazzjonali rikonoxxuti uffiċjalment li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2341 (IORP II) jew tad-Direttiva 2009/138/KE (Solvibbiltà II)
- Prodotti tal-pensjoni individwali li għalihom il-liġi nazzjonali tirrikjedi kontribuzzjoni finanzjarja minn min iħaddem u li għalihom min iħaddem jew l-impjegat ma jkollux għażla fir-rigward tal-prodott jew il-fornitur tal-pensjoni
- Prodotti tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew kif definiti fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2019/1238 (PEPP)
- Skemi ta' sigurtà soċjali koperti mir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009